32005D0347

L 110/40 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 30.4.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-22 ta' Diċembru 2004

## dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Prinċipalità ta' Monako li jipprevedi miżuri ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE dwar it-tassazzjoni fuq id-dħul mit-tfaddil fil-forma ta' ħlasijiet ta' interessi

(2005/347/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 flimkien ma' l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 u l-paragrafu 4 ta' l-Artikolu 300 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Fis-16 ta' Ottubru 2001, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja mal-Prinċipalità ta' Monako ftehim biex tiġi assigurata l-adozzjoni minn dak l-Istat ta' miżuri ekwivalenti għal dawk li għandhom jiġu applikati fil-Komunità biex tkun żgurata tassazzjoni effettiva fuq id-dħul mit-tfaddil fil-forma ta' ħlasijiet ta' interessi.

(2) It-test tal-Ftehim li huwa r-riżultat ta' dawn in-negozjati jirrifletti kif suppost id-direttivi ta' negozjati maħruġa mill-Kunsill. Huwa akkumpanjat minn Memorandum ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Prinċipalità ta' Monako. Iż-żewġ testi huma mehmuża mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/35/KE [2].

(3) L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE [3] tiddependi mill-applikazzjoni, mill-Prinċipalità ta' Monako, ta' miżuri ekwivalenti għal dawk li jinsabu f'dik id-Direttiva, skond ftehim konkluż minn dak l-Istat mal-Komunità Ewropea.

(4) Skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/35/KE, u soġġett għall-adozzjoni f'data aktar tard ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, il-Ftehim kien iffirmat f'isem il-Komunità Ewropea fis-7 ta' Diċembru 2004.

(5) Il-Ftehim kif ukoll il-Memorandum ta' Ftehim li jakkumpanjah għandhom ikunu approvati f'isem il-Komunità.

(6) Jeħtieġ li tkun prevista proċedura sempliċi u rapida għal adattamenti possibbli ta' l-Annessi I u II għall-Ftehim,

IDDECIEDA KIF GEJ:

### *Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Prinċipalità ta' Monako li jipprevedi miżuri ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE dwar it-tassazzjoni fuq id-dħul mit-tfaddil fil-forma ta' ħlasijiet ta' interessi kif ukoll il-Memorandum ta' Ftehim li jakkumpanjaha huma b'dan approvati f'isem il-Komunità Ewropea.

It-test tal-Ftehim kif ukoll il-Memorandum ta' Ftehim li jakkumpanjah huma mehumuża ma' din id-Deċiżjoni [4].

### *Artikolu 2*

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tapprova, f'isem il-Komunità, l-emendi għall-Annessi għall-Ftehim li huma meħtieġa biex ikun żgurat li jikkorrispondu ma' l-informazzjoni relatata ma' l-awtoritajiet kompetenti notifikati skond l-Artikolu 5(a) tad-Direttiva 2003/48/KE u ma' l-informazzjoni fl-Anness għaliha.

---

[1] Opinjoni mogħtija fit-2 ta' Diċembru 2004 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)

[2] ĠU L 19, 21.1.2005, p. 53.

[3] ĠU L 157, 26.6.2003, p. 38. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/66/KE (ĠU L 168, 1.5.2004, p. 35).

[4] ĠU L 19, 21.1.2005, p. 55.

*Artikolu 3*

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 16(1) tal-Ftehim f'isem il-Komunità ([1]).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Diċembru 2004.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
C. VEERMAN

---

([1]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.